# Il-GĦERF TAL-ĠNUS

## QWIEL BARRANIN

*(Tal-Latini)*

1. Il-flus imexxu d-dinja.
2. Faħħar it-tmiem.
3. Ma' min jifhem, kliem ftit.
4. Mewt bil-ġieħ aħjar minn ħajja bla ġieħ.
5. Il-qatra tħaffer il-ġebla mhux b'saħħitha iżda billi taqa' bla ma tehda.
6. Għaġġel bil-mod.

*(Tal-Franċiżi)*

1. Il-ġmiel bla tieba huwa warda bla fwieħa.
2. Il-bniedem xejn ma jagħti iktar bil-qalb mill-pariri.
3. L-Imħabba qatt ma tmut f'daqqa.
4. Il-għajn tmexxi l-qalb.
5. Min irekken jaqla'.
6. Drabi għandek tibża' iktar mit-tabib milli mill-marda.

*(Tal-Ingliżi)*

1. Ir-rqad kmieni u l-bokra jagħtu s-saħħa l-bniedem, jagħmluh għani u bil-għaqal.
2. Iktar tbati biex tfaddal milli biex taqla'.
3. Ix-xorti ma tgħinx lil min ma jgħinx ruħu.
4. Il-ħniena tibda mid-dar.
5. Għasafar ta' rix wieħed jittajru flimkien.
6. Kûl toffieħa kull jum u t-tabib ma jirfisx f'darek.

*(Tat-Taljani)*

1. L-aħjar tpattija hija l-maħfra.
2. Min ġarrab l-imrar isib iktar bnin il-għasel.
3. L-inbid qisu nofs ħalliel.
4. Għani huwa biss min huwa b'saħħtu.
5. L-aħħar ħaġa li l-bniedem jitlef hija t-tama.
6. Aħjar tiżloq b'riġlejk milli bi lsienek.

*(Tat-Tedeski)*

1. Fejn tidħol il-ħjiena, in-nisa jġibu l-bandiera.
2. Min ma jafx igħallat imur jinħeba.
3. Min iżomm is-sellum huwa ħati daqs il-ħalliel.
4. Aħjar ikollok biż-żejjed milli ż-żejjed.
5. Ħażżeż ix-xitan fuq il-ħajt u huwa jfeġġ dikment.
6. Aħjar jibki l-iben milli l-missier.

*(Ta' l-Ispanjoli)*

1. Meta taqsam ix-xmara tinsa l-qaddis.
2. Missier jista' jżomm għaxart itfal, iżda għaxart itfal ma jżommux, il-missier.
3. Ġagħal lil ħaddieħor joħroġ is-serp mill-bejta.
4. L-aħjar mara hija dik li l-inqas jitħaddtu fuqha.
5. Mara mtajra hija l-purgatorju tad-dar.
6. Dak li l-belhieni jagħmlu fl-aħħar, il-għaref jagħmlu fil-bidu

QWIEL IMĦALLTA

*(Għarbi)*

1. Fl-infern ma hemmx imriewaħ.

*(Russu)*

2. Fuq spallejn ħaddieħor it-tagħbija hija ħafifa.

*(Persian)*

3. Erba' ħwejjeġ li kulħadd għandu minnhom iktar milli jaħseb : dnubiet, djun, snin, u għedewwa.

*(Olandiż)*

4. L-iskrapan imorru l-Knisja jitolbu biex il-baqar imutu.

*(Tork)*

5. Il-ħall ta' b'xejn aħjar mill-għasel mixtri.

*(Lhudi)*

6. Min gidmu serp jibża' minn tarf ta' ħabel.

C. M. D.